**TARXIEN**

## KUNSILL LOKALI TARXIEN

## Minuti Laqgħa Nru. 23/06

DATA U ĦIN

* **Il- laqgħa Nru 23/06 tas-Sitt Amministrazzjoni saret nhar il-Ħamis 14 ta' Ottubru 2010 fis-5.40pm fl-Uffiċċji Amministrattivi f'73, Triq Santa Marija, Tarxien.**

** **Preżenti għal-Laqgħa:**

ATTENDENZA

| | |
|---|---|
| **Kav. P. Farrugia KLJ CMLJ** | **Sindku** |
| **Is-Sur F. Agius** | **Viċi Sindku** |
| **Is- Sur L. Bonavia** | **Kunsillier** |
| **Is-Sinj. D. Vella** | **Kunsilliera** |
| **Is-Sur K. Darmanin** | **Kunsillier** |
| **Is-Sinj. C. Lanzon** | **Kunsilliera** |
| **Is-Sur I. Dalli** | **Kunsillier** |
| **Is-Sur M. L. Mallia** | **Segr. Eżekuttiv** |

*** **Is-Sindku, l-Kav. P. Farrugia qal it-talba u ppresieda l-laqgħa.**

## 1.0 *Qari u Approvazzjoni tal-Minuti Nru. 22/06 (16/09/2010)*

**1.1** Peress li l-Minuti tal-Laqgħa Numru 22/06 tas-16 ta' Settembru 2010 ġew iċċirkolati minn qabel, is-Sindku staqsa jekk jistgħux jiġu kkunsidrati bħala moqrija u talab lill-Kunsill jekk kienux korretti.

**1.2** Il-Kunsill approva l-Minuti nem. con. li ġew iffirmati mis-Sindku flimkien mas-Segretarju Eżekuttiv. Il-paġni kollha tal-Minuti ġew inizjalati wkoll minnhom.

## *Sospensjoni tal-Aġenda*

Is-Sindku talab, u l-Kunsill approva nem. con., li l-Aġenda tiġi sospiża sabiex jiġi trattat *Item 4* tal-Aġenda bi spjegazzjoni ta' rappreżentat mill-"Econing" dwar ir-rapport ta' SEAP.

## 4.0 *Rapport SEAP – Spjegazzjoni minn rappreżentant ta' "Econing"* SEAP

**4.1** Is-Sindku talab lill-Ing. F. Azzoppardi biex jagħmel l-ispjegazzjoni tiegħu dwar ir-rapport.

**4.2** L-Ing. Azzoppardi beda biex qal li dan ir-rapport jiġi ppreżentat fi żmien sena mir-reġistrazzjoni tal-Kunsill u wara li jiġi approvat jiġi mtella' fuq il-*website* uffiċjali.

**4.3** Kompla jispjega li r-rapport irid jiġi applikat sas-sena 2020 biex dik il-lokalita' tagħmel minn kollox biex tnaqqas il-**$CO_2$** b'20%. Dan japplika għat-tniġġis iġġenerat f'dik il-lokalita partikolari u li taqa' fir-responsabbilta' tal-Kunsill, inkluż dak li nħallsu għalih bħall-Elettriku, b'mod speċjali id-dawl tat-toroq. Dan ir-rapport qed jaħseb għal dak kollu li jaqa' taħt ir-responsabbilta' tal-Kunsill Lokali. TNAQQIS TAL-CARBON FOOTPRINT

**4.4** L-Ing. Azzoppardi kompla jgħid li għandu jitnaqqas l-intensita' tad-dwal tat-toroq skont il-ħin u ċ-ċirkostanzi ta' dik il-lokalita'. Tista' tiġi applikata l-introduzzjoni ta' *Renewable Energy System*. RES

**4.5** Għall-mistoqsija tas-Sindku, l-Ing. Azzopardi wieġeb li l-kumpanija "Econing" lesta li tgħin lill-Kunsill anke meta napplikaw għall-fondi ERDF. GĦAJNUNA

**4.6** Kompla jgħid li permezz ta' dan ir-rapport, il-Kunsill hu marbut bħala *'commitment'* biex jimplimenta r-rakkomandazzjonijiet tar-rapport imma m'hemmx każ ta twaħħil ta' multi. COMMITMENT

**4.7** Dan ir-rapport hu maqsum għal perjodu ta' 10 snin u validu sas-sena 2020 u għandna nagħmlu rapport kull sentejn lill-*Covenant of Mayors*. VALIDU SA 2020

*(Is-Sur I. Dalli attenda għal –laqgħa fis-6.00 p.m)*

**4.8** Għal-mistoqsija tas-Sur L. Bonavia, l-Ing Azzoppardi qal li dan il-pjan (SEAP) jista' jiġi emendat jew miżjud skont il-ħtieġa. Dan hu maħdum fuq bażi tal-emissjonijiet tal- **$CO_2$** tas-sena 2005. IBBAŻAT FUQ L-2005

**4.9** Is-Sur I. Dalli qal li nistgħu nipproponu li jsiru *roof gardens* fuq ir-residenzi.

4.9.1 L-Ing. Azzoppardi irrimarka li dan hu każ privat u ma jaqax taħt ir-responsabbilta' tal-Kunsill.

**4.10** L-Ing. Azzoppardi temm l-intervent tiegħu billi qal li l-Kunsill għamel dmiru billi pprepara dan l-istudju fl-interess tar-raħal.

**4.11** Is-Sindku, issekondat mis-Sur L. Bonavia, jipproponi li dan id-dokument jiġi approvat mill-kunsill biex wara jintbgħat lill-*Covenant of Mayors*. APPROVAZJONI

4.11.1 Il-Kunsill approva unanimament dan id-dokumnet (SEAP).

**4.12** Is-Sindku irringrazzja lill-Ing. F. Azzoppardi għall-ispjegazzjoni tiegħu filwaqt li talbu jirtira mil-laqgħa biex jitkompla x-xogħol tal-ġurnata skont l-Aġenda.

**4.13** L-Ing. Azzoppardi sellem lill-membri preżenti u rtira mill-kamra fis-6.10 p.m.

## 2.0 *Kommunikazzjoni mis-Sindku (inkluż korrispondenza)*

**2.1** Is-Sindku qal li l-apparat għall-Ġnien Ovindoli ingħata lill-Nexos biex jinstallawh. ĠNIEN OVINDOLI

**2.2** Is-Sindku qal li ltqajna ma rappreżentant ta' GreenPak u tkellimna dwar problemi li qed niltaqgħu magħhom kuljum fir-rigward ta' ġbir tal-iskart. SKART

2.2.1 Is-Sindku irefera għall-ittra tal-kuntrattur eżistenti S.Mifsud li talab li biex jiġbor l-iskart l-ieħor li qed jinħareġ minn tal-ħwienet u minn garaxijiet, (li skont il-kuntratt tiegħu mhux responsabbilta' tiegħu) qed jitlob 10% żieda fis-sena, inkluż il-VAT u l-*Management Fee*, li tammonta għal €7122.50 fis-sena żieda. (Art. 2.10.4, laqgħa nru 22/06 tas-16/09/10) VARJAZZJONI B'ŻIEDA TA' 10%

2.2.2 Kompla jgħid li effettivament iltqajna mal-kuntrattur u, għalkemm ma riedx jiċċaqlaq mit-talba tiegħu ta' 10% tas-somma tal-offerta, wasalna fi ftehim li nikkonċedu għat-talba tiegħu u dan biex nassiguraw li l-iskart jinġabar kollu. Infurmajnih ukoll li f'każ li jkun hemm xi bdil min-naħa tal-awtoritajiet fis-sistema tal-ġbir tal-iskart allura nerġgħu għall-kundizzjonijiet tal-offerta oriġinali. (Art. 2.10.4 tal-laqgħa 22/06 tas-16/09/10). Kemm l-ittra tal-kuntrattur kif ukoll it-tweġiba tal-Kunsill ġew iċċirkolati lill-Kunsillieri kollha.

2.2.3 Is-Sindku informa lill-Kunsill li dawn l-arranġamenti daħlu fis-seħħ b'efett mill-1 ta' Ottubru 2010 skont il-ftehim milħuq mal-kuntrattur S.Mifsud.

**2.3** Is-Sindku qal ukoll li tkellimna ma' GreenPak u nfurmajnijhom dwar il-bżonn li jkun hawn kuntrattur wieħed li jiġbor kemm ll-iskart domestiku ta' kuljum kif ukoll l-iskart riċiklabbli ta' nhar ta' Tlieta. Dan sabiex nevitaw argumenti u tħallija ta' skart mill-istess kuntratturi meta jiġu biex jiġbru l-iskart u jħallu dak li mhux responsabbli minnu. BDIL TAL-KUNTRATTUR TA' NHAR TA' TLIETA

2.3.1 GreenPak qablu mar-rakkomandazzjoni tal-Kunsill u ser iwaqqfu lill-kuntrattur imħallas minnhom għall-iġbir tal-iskart ta' nhar ta' Tlieta u ser jinnegozjaw mal-kuntrattur tal-Kunsill biex jiġbor kollox hu b'effett mit-12 t'Ottubru 2010. ARRANĠAMENTI MINN GREENPAK

**2.4** Is-Sindku qal li s-Seg. Eżek. ltaqa' mar-rappreżentant ta' GreenPak u l-kuntrattur S.Mifsud biex jiddiskutu u jipprovaw jaslu fi ftehim dwar il-ġbir tal-iskart mitfugħ madwar il-Bring In Sites. B.I.S

2.4.1 Dan minħabba li GreenPak qed jgħidu li l-ammont tal-iskart mitfugħ madwar il-Bring in Sites qabeż il-kwota ta' tunnellata fis-sena li qed jassorbu bħala spejjeż l-istess GreenPak.

2.4.2 Wara diskussjoni twila dwar din il-problema, GreenPak qed jirrakkomandaw waħda mit-tlett possibiltajiet: POSSIBILTAJIET

a) Jew ikomplu jiġbru l-imsemmi skart huma u jitolbu l-Kunsill iħallas lilhom għal-*Landfill Fees* żejda maħruġa mill-WasteServ. (Dan mhux regolari għaliex il-Kunsill m'għandux kuntratt li jħallas lill-GreenPak).
b) Li l-iskart żejjed jinġabar minn GreenPak u wara jitpoġġa fi skip li tkun impoġġija f'xi proprjeta' tal-Kunsill u wara jinġabar mill-kuntrattur eżistenti. (Dan mhux loġistikament vijabbli u jista' joħloq abbuż ta' tfigħ ta' skart mhux regolat).
c) Li jinġabar mill-kuntrattur eżistenti bi ftehim ma' GreenPak.
d) Li jinġabar kollu minn GreenPak u ż-żejjed fuq il-kwota jiġi depożitat f'isem il-Kunsill Lokali u l-WasteServ tibgħat il-kont hi lill-Kunsill. Dwar dan GreenPak għad iridu jilħqu ftehim mal-Wasteserv.

2.4.3 Is-Sindku qal li, għalkemm m'għandniex statistika kemm qed jintefa' skart żejjed madwar is-Bring In Sites, ikkalkulajna li l-ammont hu madwar żewġ jew tlett tunellati fis-sena li l-*Landill Fees* għalihom jammonta għal massimu ta' madwar €60 fis-sena.

2.4.4 Is-Sindku qal li l-iżjed sitwazzjoni vantaġġjuża għall-Kunsill hi l-arranġament msemmija f'para 2.4.2 (D).

Il-Kunsill qabel unanimament.

2.4.5 Mill-banda l-oħra ser isir ġbir bi prova għal xahar mill-Kuntrattur eżistenti biex naraw x'inhu il-volum żejjed li jinġabar minn madwar il-Bring In Sites. Dan bi ftehim bejn il-kuntrattur S. Mifsud u GreenPak. ĠBIR BI PROVA

**2.5** Is-Sindku qal li reġa' għandna kwistjoni ma' TM dwar ir-rampa ta' quddiem ir-Rainbows. Dan minħabba li xi residenti ressqu xi oġġezzjonijiet u TM qalulhom li jekk jaqblu mal-proposti tagħhom (TM) allura nistgħu mmexxu. Dan ifisser li tiġi maħduma bankina b'żieda 'l barra ma' dik eżistenti. (Is-Sindku spjega l-pjanta mibgħuta minn TM) Rampa

2.5.1 Is-Sindku qal ukoll li bgħat ritratti li-Sinj. Bonello (TM) dwar kif ir-rampa ġiet minn żewġ naħat.

2.5.2 Żied jgħid li talab lill-President T. Cassar (Rainbows) biex jinstalla *railings* adekwati u biex iqabbad lill-Perit biex jemenda l-pjanti skont kif qiegħed ix-xogħol il-lum.

**2.6** Ser tintbgħat l-ittra lill-Onor G. Pullicino, ikkupjata lid-Dir. Ġen. Perit R. Farrugia u lid-Dir. Restawr Perit N.Gatt, kif ippreparata mill-V/Sindku F.Agius, rigward ir-restawr tal-Arma ta' Żmien l-Ingliżi li tinsab fuq l-iskola tal-*Kindergarten* fi Triq l-Iskola. RESTAWR TAL-ARMA

**2.7** Dwar it-talba għall-*"Reduced Hours"* mill-impjegata Jossianne Grech, is-Sindku nforma lill-Kunsill li l-kundizzjonijiet approvati mill-Kunsill, li għandhom japplikaw għal min jitlob għal "Reduced Hours", ġew iċċIrkolati lill-impjegati kollha l-għada tal-laqgħa preċedenti (17/09/10) REDUCED HOURS

2.7.1 Fit-28/09/10, is-Sinj J.Grech iffirmat il-kundizzjonijiet fil-liberta' tagħha u mingħajr ma kienet sfurzata, u kienet lesta li tibda. Jumejn wara infurmawna mill-UĦM li xi kundizzjonijiet m'humiex konformi mal-*Family Friendly Measures*. FFM

2.7.2 Is-Sindku kompla jispjega li wara li sottomettiet l-aċċettazjoni tagħha, J. Grech qalet li riedet tirtiraha u titqies li m'aċċettatx għaliex il-UĦM hekk qalulha. IRTIRAR TAL-AĊĊETTAZZJONI

2.7.3 Qal ukoll li l-UĦM kellhom jiltaqgħu magħna f'dan ir-rigward. S'issa għad ma ġie ħadd u l-kaz qiegħed '*status quo*'. UĦM

**2.8** L-attivita' li kellha tittella' mill-Kunsill Lokali bil-kollaborazzjoni tal-Għaqda Kultura u Armar tal-festa flikien mas-Sezzjoni Żagħżagħ Marija Anunzjata reġgħet tħassret minħabba l-maltemp, u qed jippjanaw li ssir x'imkien ġewwa. ATTIVITA' MĦASSRA

2.8.1 Is-Sindku informa lill-Kunsill li resident fi Triq it-Tempji Neolitiċi, fejn kellha ssir din l-attivita', ilmenta permezz ta' *email* dwar l-istorbju li kien qed isir.

2.8.1.1 Kompla jgħid li dan l-individwu lmenta minħabba ritaljazzjoni għaliex il-MEPA ma ħarġitlux xi permess. Spiċċa jgħid li dan mhux qed jgħid il-verita' dwar l-istorbju għaliex l-attivita' ġiet imħassra u ma sar xejn.

**2.9** Dwar il-***Malta Int. Folk Festival*** li ser isir fl-aħħar ta' din is-sena, is-Sindku qal li applikajna għall-fondi. MALTA INTERNATIONAL FOLK FESTIVAL

2.9.1 Kompla jgħid li għandna problema f'każ li jkun maltemp, minħabba li l-Kap ta' L-Iskola mhix tattendi xogħol, u m'hemm ħadd li jieħu r-responsabbilta' ta' deċizzjoni li jakkomoda biex din l-attivita' ssir fis-sala tal-iskola.

**2.10** Minħabba n-nuqqas ta' koperazzjoni min-naħa tal-Perit D. Falzon biex jiltaqa' magħna meta nitolbuh u biex jipprovdi dokumenti meħtieġa mill-uffiċju skont il-proġetti li hu responsabbli minnhom, is-Sindku qed jirrakkomanda li tintbgħatlu ittra legali li l-Kunsill ser ifittxu għad-danni li jistgħu jkunu sofferti kif ukoll għal kwalunkwe fondi li jistgħu jiġu mitlufa minħabba dan in-nuqqas min-naħa tiegħu. ITTRA LEGALI LILL-PERIT D. FALZON

2.10.1 Żewġ fondi importanti huma UIF mingħand il-MEPA għall-pavimentar tal-bankina ta' Triq Brittanika, u fondi tal-ERDF għall-proġett ta' tisbiħ ta' Ġnien Santa Marija li wara li ħaffirna sal-blat fuq rakkomandazzjoni tiegħu, baqa' ma ppreżentax ir-rapport.

2.10.2 Is-Sur L. Bonavia fakkar li sakemm jitlestew il-proġetti li bdew f'idejn ir-Perit D. Falzon, jibqa' responsabbli minnhom hu. .

2.10.3 Il-Kunsill approva unanimament ir-rakkomandazzjoni tas-Sindku

**2.11** Is-Sindku qal li skont l-ittra tad-DGL (li ġiet iċċirkulata lill-Kunsillieri kollha) l-estensjoni tal-Kuntratt tas-Seg. Eżek. hi sal-aħħar t'April 2011. KUNTRATT TA' SEG. EŻEK.

2.11.1 Kompla jgħid li mill-aħħar lista ta ' 10 tal-*Pooling* tas-Seg. Eżek. provduta mid-DGL, wieħed biss wera l-interess li japplika meta jkun hemm is-sejħa biex jimtela' l-post vakanti tas-Seg. Eżek. Dan wara talba lil dawn l-10 kandidati prospettivi. POOLING TAS-SEG. EŻEK.

2.11.2 Qal ukoll li ser toħroġ sejħa ġdida għal min jixtieq li jkun fil-*Pooling System* tad-DGL u wara ser nitolbu għal lista ġdida ta' kandidati prospettivi.

**2.12** Dwar il-proġett ta' pavimentar ta' parti minn Triq Birbixkilla, is-Sindku qal li l-perit Chris Mintoff issottometta l-applikazzjoni lill-MEPA u lid-Dipartiment ta' l-Artijiet. TRIQ BIRBIXKILLA

**2.13** Is-Sindku qal li issa ktibna lic-Chairman tal-MEPA ukoll dwar id-differenza tal-bilanċ dovuta' €3388.46 bħala UIF għall-proġett Kalamija. S'issa għad ma għandna ebda tweġiba. BILANĊ MILL-UIF

**2.14** Il-Gradilja għall-*culvert* fi Triq il-Kbira issa ġiet mwaħħla u tiffunzjona tajjeb. GRADILJA

**2.15** Is-Sindku informa lill-Kunsill li l-fanali ornamentali LED issa twaħħlu fi Sqaq Brittaniku. SQAQ BRITTANIKU

2.15.1 Żied jgħid li għandna problema li d-dawl mhux iwassal sa ġewwa n-naħa tal-arkata u għaldaqstant jinħtieġ li nwaħħlu fanal ieħor.

Il-Kunsill qabel nem.con. mal-proposta tas-Sindku.

2.15.2 Is-Sindku spjega ukoll kif ser jinfetħu l-*panels* tal-ħġieġ għall-entratura tax-xelter.

**2.16** Is-Sindku qal li l-Perit Chris Mintoff ipprepara stima dwar dak kollu meħtieġ biex ikun attrezzat tajjeb ix-xelter ta' Sqaq Brittaniku, bħal dwal minn fuq u minn taħt, art tal-injam biex min iżur ix-xelter ikun jista' jimxi mingħajr periklu, frames tal-ħġieġ mal-art, railings, pompa tal-ilma, panelli ta' informazzjoni, fost oħrajn. ATTREZZAR TAX-XELTER

2.16.1 l-istima tax-xoghlijiet neċessarji u attrezzamenti oħra inkluż manikini u għamara, tammonta għal madwar €80,00.

2.16.2 Is-Sindku informa lill-Kunsill li saret l-applikazzjoni ta' Espressjoni ta' nteress – Project Proposal ERDF – sabiex il-Kunsill jakkwista fondi għal dan il-proġett. APPLIKAZZJONI ERDF

**2.17** Is-Sindku qal li applikajna għall-fondi dwar "Inizjattiva ambjentali minn VodaFone" li tinkludi l-proġetti imsemmija f'para 2.23.2 tal-Laqgħa Nru 22/-6 PROĠETTI VODAFONE

**2.18** Dwar il-lezzjonijiet għar-residenti bi ħlas mill-Kunsill Lokali , li dwarha il-Viċi Sindku talab *Ruling* mid-DGL, is-Sindku qal li ma jaqbilx mar-ruling li "L-Arranġamenti jistgħu jiġu interpretati li l-Kunsill qed joffri l-*premises* tiegħu lill-għalliema privati minn fejn jistgħu jagħmlu in-negozju tagħhom u għalhekk jiġi li l-Kunsill qed jaqdi lill-għalliema u mhux lill-istudenti". INTERESS MINN GĦALLIEMA

**2.19** Is-Sindku qal li l-ETC estendiet għal sitt xhur oħra b'seħħ mill-25/10/10 fl-iskeda xogħol fil-komunita' lill-ħaddiema Joseph Farrugia u Carmelo Abela. ĦADDIEMA ETC

*(Is-Sur L. Bonavia kien skużat lijirtira mil-laqgħa fis-7.20 p.m)*

**2.20** Is-Sindku qal li applikaw mal-200 persuna biex jiġu mlaqqma kontra l-influwenza staġjonali wara sejħa mill-Kunsill Lokali. TILQIM

**2.21** Is-Sindku informa lill-Kunsill li saret i-talba lit-TM biex Triq id-29 ta' Mejju 1592 issir *one-way* kif mitlub. TRIQ ONE WAY

**2.22** Is-Sindku qal li saret talba lill-Faċilita Korrettiva ta' Kordin għal żjara ta' żgħażagħ permezz tal-Kunsill. Kompla jgħid li għad m'għandniex tweġiba. ŻJARA F'KORDIN

**2.23** Is-Sindku qal li ktiebna lis-Sur D. Mizzi ta' 240 Ltd li provdew u installaw is-*Synthetic Turf* tal-*ground* dwar il-ħsara li qed tikkaġuna periklu lill min ikun qed jilgħab fil-ground. ĦSARA FIT-TURF TAL-GROUND

2.23.1 Kompla jgħid li persuna qed titlob danni minħabba li weġġgħet fil-grawnd minħabba l-kundizzjoni ħażina tat-*turf.* KORIMENT

**2.24** Is-Sindku informa lill-Kunsill li qabbad avukat jikteb ittra legali lill Frans Brincat, ex Kunsillier,li inġurja pubblikament permezz ta' kliem dispreġġattiv lis-Sindku bħala persuna fuq il-*facebook* fid-19/09/10 ITTRA LEGALI LILL-F. BRINCAT

2.24.1 Is-Sindku qal li wara l-ittra legali tat-22/09/10, is-Sur Brincat talab skuża pubblikament.

2.24.2 Il-Viċi Sindku qal ukoll li hu irċieva messaġġ personali fuq il-*facebook* bi kliem malafamanti u allegazzjonijiet. Hu qal li dan il-messaġġ issa ġie mħassar. MALAFAMA LILL-V/S

**2.25** Is-Sindku informa lill-Kunsill li l-applikazzoni tagħna fl-iskema ta' għajnuna finanzjarja għal korsijiet *Lifelong Learning* ġiet aċċettata. LIFELONG LEARNING

## 3.0 *Affarijiet Finanzjarji*

**3.1** Il-Kunsill approva nem. con. l-iskeda ta' pagamenti li tammonta għal €28086.82 li ġiet iffirmata mis-Sindku (App 1).

3.1.1 Għall-mistoqsija tal-Viċi Sindku, is-Seg. Eżek. wieġeb li l-iskeda preċedenti Nru 09/10 ġiet imħallsa kollha bil-kundizzjonijiet indikati.

## 5.0 *Attivitajiet għall-Milied*

**5.1** Dwar il-Malta Int. Folk Festival ara para. 2.9 iżjed 'il fuq

**5.2** Is-Sindku qal li bħas-snin ta' qabel ser inżejjnu t-toroq għal żmien il-Milied. Dan ser isir mill-Għaqda Armar tal-Festa Maria Annunzjata u mis-Soċjeta' tal-Festa Modonna tad-Dutrina; dan skont it-toroq li kien sar tehim dwarhom snin ilu. TIŻJIN TAT-TOROQ

5.2.1 Kompla jgħid li minħaba r-regolamenti finanzjarji l-ammont imħallas permezz ta' *Direct Order* ma jistax jeċċedi €1165, għaldaqstant l-ispejjeż li ser jinqasmu bejn żewġ għaqdiet hu ta' €800 u €300 rispettivament ibbażżat fuq it-tiżjin li jagħmlu.

Il-Kunsill qabel nem.con.

## 6.0 *Premju Anzjan Tarxiniż*

**6.1** Ser jinbeda l-proċess għall-għażla tal-Premju Anzjan Tarxiniż li ser jingħata waqt attivita' tal-Kunsill li ser issir fit-28 ta' Diċembru li ġej.

## 7.0 *Rapport dwar il-Ħidma tal-Kunsillieri*

### 7.1 ***Is-Sur F. Agius – Viċi Sindku***

7.1.1 Il-Viċi Sindku is-Sur. F. Agius qal li attenda f'isem is-Sindku għaċ-ċerimonja tal-għoti taċ-ċertifikati mill-Ministru lil 14 –il parteċipant tal-korsijiet Ingliż u Malti Bażiku. Kompla jgħid li għal din is-sena żied in-numru tal-istudenti u l-korsijiet ser jibdew din- il-ġimgħa.

7.1.2 Is-Sur Agius qal li ġie avviċinat minn student li offra li jagħmel xogħol komunitarju bħala klassijiet għall-qari għat-tfal, mingħajr ħlas.

7.1.2.1 Kompla jgħid li qed jitlob bħala għajnuna li juża ċ-Ċentru, *projector,* u *mentor* (librara) għal *assignment* tiegħu.

7.1.2.2 Is-Sur I. Dalli irrakkomanda biex il-Viċi Sindku jistieden lit-tfal tal-iskola primarja biex jibbenifikaw minn din l-inizjattiva.

Il-Kunsill qabel nem.con.

### 7.2 ***Is-Sinj. C. Lanzon***

7.2.1 Is-Sinj. C. Lanzon qalet li qed tagħmel kuntatt mal-psikologu Ch. Cassar biex jagħti taħdieta dwar "id-Dipressjoni".

**7.3** ***Is-Sur K. Darmanin***

7.3.1 Is-Sur K. Darmanin qal li lesta l-laqgħat dwar in- ***Neighbourhood Watch*** għaż-żoni 5, 6, u 7 li għalihom intagħżel il-kordinatur rispettivament.

7.3.2 Qal ukoll li fl-1/11/10 ser issir laqgħa għar-residenti ta żona 9 (Ġnien Joanne); fil-15/11/10 għal żona 10 (Triq San Ġużepp); u fis-6/12/10 għal żona 11 (Triq is-Sorijiet u Triq Sta. Tereża)

7.3.3 Is-Sur Darmanin qal li skont il-pulizija qed isiru iżjed rondi fir-raħal.

7.3.4 Qed jiddiskuti ma' Għaqda tal-Modelling biex issir attivita' għal Jum Ħal Tarxien.

7.3.5 Qal li l-attivita' tal-***mini car show*** kienet suċċess.

7.3.6 Kellu laqgħa mal-Ispettur Alex Grech

7.3.7 Is-Sur K. Darmanin qal li f'isem is-Sindku attenda ċ-ċerimonja fuq il-Vapur 'Logos Hope'.

7.3.8 Qal li il-proċessi għall-Premju Żagħżugħ tas-sena waslu fil-finali si ser isir fl-20 ta' Novembru li ġej.

7.3.9 Is-Sur K. Darmanin qal li l-*Football Tournament* ser isir fl-14 ta' Novembru u nfetħu l-applikazzjonijiet.

**7.4** ***Is-Sur I. Dalli***

7.4.1 Is-Sur I. Dalli qal li minħabba li kien imsiefer ma kienx possibbli li jorganizza għall-inizjattiva ta' ġbir ta' skart elettroniku fil-*Waste Recycling Week*. Madankollu ser jerġa jipprova għal Novembru.

**7.5** ***Is- Sinj. D. Vella***

7.5.1 Is-Sinj. D. Vella qalet li llum saret il-ħarġa għall-Popeye Village.

7.5.2 Qalet li għall-11 ta' Novembru ser issir ħarġa oħra li tkun tikkonsisti ukoll b'diskussjoni mill-ispiżjar Ismael Dalli dwar l-'Osteoporosis'.

**7.6** ***Is-Sindku Kav. P. Farrugia***

7.6.1 Is-Sindku ta rendikont tal-attivita' ta' l-Anzjani fis-Soreda Hotel

7.6.2 Qal li l-attivita' għall-anzjani tas-7 ta' Diċembru ġiet posposta għall-14 ta' Diċembru.

## 8.0 *Ħwejjeġ oħra*

8.1 Ġie deċiż umanimament li l-Kunsill ma jipparteċipax f'attivita' bħal tal-aħħar organizzata minn xi għaqdiet.

8.2 Is-Sindku qal li ż-żjara tal-Kap tal-Oppożizzjoni fiċ-Ċentru u d-Dar tal-Kejka kienet suċċess u l-Kunsill wera li qed jaħdem bħala tim għaliex attendew ukoll kunsillieri Nazzjonalisti.

8.2.1 Din iż-żjara kienet strumentali ukoll biex jiżdiedu membri fil-librerija tal-Kunsill.

## 7.0 *Għeluq tal-Laqgħa*

**7.1** Il-Laqgħa ntemmet fit-8.30pm.

**7.2** Laqgħa oħra ser tkun nhar il-Ħamis 18 ta' Novembru 2010

| | |
|---|---|
| **M. L. Mallia** | **Kav. P. Farrugia KLJ CMLJ** |
| **Seg. Eżek.** | **Sindku** |
| 16/09/10 | |